BirdLife
MALTA

Naħdmu għal Futur Aħjar

10 Talbiet elettorali

BirdLife Malta

15 ta' Marzu 2022

Introduzzjoni

Bħala pajjiż ta' 316-il kilometru kwadru u b'popolazzjoni ta' ftit aktar minn nofs miljun ruħ, Malta u l-gżejjer l-oħra ta' Għawdex u Kemmuna huma s-sitt l-aktar pajjiż b'densità ta' popolazzjoni fid-dinja u l-ewwel fl-Ewropa f'dan ir-rigward, minbarra li aħna wkoll l-aktar Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li għandu bini.

Fid-dawl ta' dan, in-natura u l-bijodiversità għandhom bżonn li jiġu mħarsa b'mod konkret, u l-ippjanar eċċellenti kemm tal-ispazji miftuħa urbani u anke dawk naturali huwa kruċjali. BirdLife Malta kienet minn ta' quddiem mhux biss fit-teħid ta' azzjoni f'dan il-qasam imma wkoll fil-lobbying u l-ħidma qawwija favur ippjanar kif suppost, konservazzjoni u protezzjoni tal-wirt naturali tagħna.

Fil-mixja lejn l-elezzjoni ġenerali ta' pajjiżna, qed inressqu 'l quddiem dawn l-10 proposti konkreti għall-politiċi tagħna u għaċ-ċittadini ta' pajjiżna

BirdLife
MALTA

www.birdlifemalta.org

1 Nirrispettaw l-ODZs

Inħawi stabbiliti bħala Żoni Barra mill-Iżvilupp għandhom jiġu trattati bħala tali u l-ebda persuna jew entità m'għandha titħalla tippjana żvilupp f'dawn is-siti. L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għandu jkollha wkoll id-dritt tal-veto fuq kull proposta ta' żvilupp sa 1km 'l bogħod mit-tarf ta' ODZs u sa 3km 'l bogħod mit-tarf ta' siti Natura 2000.



2 Niffukaw fuq in-Natura

Teżisti l-impressjoni żbaljata li l-ambjent huwa n-natura. Mhux. Tajjeb nifhmu li waqt li huwa neċessarju li nieħdu ħsieb il-bankini, l-ispazji urbani miftuħa u l-iżvilupp sostenibbli, dan m'għandu x'jaqsam xejn man-natura. Il-ħabitati naturali u l-bijodiversità għandhom bżonn sforzi akbar ta' konservazzjoni u ħarsien b'mod sħiħ. Għalhekk hu meħtieġ li nagħtu importanza lin-natura, aktar milli lill-ambjent biss.

Hu importanti wkoll li l-liġijiet, policy u s-sistemi amministrattivi jaħsbu għar-riżorsi naturali tagħna, il-ħabitati u l-bijodiversità b'mod olistiku. Ninsistu li l-ħarsien tal-għasafar ma jitneħħiex minn mal-kumplament tal-bijodiversità u lil hinn mir-responsabbilitajiet tal-Ministeru għall-Ambjent u tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi.

3 Ninfurzaw il-Liġijiet

It-Taqsima tal-Ħarsien Ambjentali (Environmental Protection Unit, EPU) fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta għandha tiffoka l-ħidma tagħha biss fuq l-infurzar tal-liġijiet tan-natura u l-bijodiversità sabiex tiżgura li trażżan ir-reati kriminali ambjentali. Din it-taqsima għandha tingħata biżżejjed riżorsi biex tkun tista' tlaħħaq mal-ħidma tagħha kemm f'Malta u anke f'Għawdex.

4 Intemmu l-insib tal-għasafar

L-insib tal-għasafar imur kontra d-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar għax jista' jkun effiċjenti ħafna fit-teħid ta' ammont kbir ta' għasafar mis-selvaġġ. L-iskop tal-insib hu purament għat-tgawdija tal-individwi u ma jistax jiġi ġustifikat. Din l-attività għandha tinqata' u b'hekk mhux biss jiġu salvati ħafna għasafar imma jiġi eliminat ukoll l-impatt fuq id-degradazzjoni tal-ħabitat li jħalli attività bħal din.

5 Inwaqqfu l-Kaċċa fir-Rebbiegħa

Ħadd ma jiddubita mill-fatt li meta wieħed joqtol għasfur li jkun qed ipassi lejn il-post fejn ikun se jbejjet matul ir-rebbiegħa, ikun qed jagħmel xi ħaġa li mhix sostenibbli. Dan jamplifika ruħu aktar meta l-għasafar li jiġu kkaċċjati huma speċi li qed jonqsu drastikament fin-numri madwar l-Ewropa. M'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għall-istaġuni tal-kaċċa fir-rebbiegħa u Malta għandha tieqaf tiġġieled mal-Kummissjoni Ewropea dwar dan u tieħu d-deċiżjoni li twaqqaf l-istaġuni tal-kaċċa fir-rebbiegħa darba għal dejjem.

6 Noħolqu Żoni mingħajr l-Kaċċa

Il-kampanja qiegħda hemm għat-tgawdija ta' kulħadd mingħajr ma dak li jkun idejjaq lill-oħrajn. B'impronta naturali dejjem tiċkien u 'l fuq minn disa' xhur fis-sena ta' staġuni miftuħa tal-kaċċa, għandna bżonn aktar postijiet fejn iċ-ċittadini jistgħu jmorru fin-natura mingħajr ma jsibu persuni bis-snieter ikkargati għall-kaċċa. Ninsistu li art pubblika f'siti Natura 2000 tkun ħielsa mill-kaċċa waqt li l-Ponta tal-Qawra tiġi ddikjarata bħala post fejn il-kaċċa ma tkunx permessa kif imwiegħed mill-Ministru għall-Ambjent fl-2021.

7 Indaħħlu n-Natura fl-Iskejjel

It-tfal jistgħu jitgħallmu permezz tan-natura u l-iskejjel tagħna għandu jkollhom żoni naturali u ġonna li jkun fihom speċi indiġeni. Dan mhux biss itejjeb l-esperjenza tat-tagħlim għall-istudenti imma jtejjeb ukoll il-kunċett ta' tħaddir urban. Spazji miftuħa li jeżistu diġà fil-grawnds tal-iskejjel għandhom jiġu protetti u ma jintmessux, waqt li għandhom jiġu esplorati metodi kreattivi biex jitwaqqfu siti simili fi skejjel oħra. Pjani għal skejjel ġodda għandhom jinkludu dan il-kunċett sa mill-istadju tad-disinn.

8 Noħolqu Riservi Naturali ġodda

F'Malta għandna biss ftit riservi naturali żgħar fejn il-bijodiversità tingħata prijorità. Nitolbu li r-riservi naturali tal-Għadira u s-Simar jitkabbru. Dan jippermetti li dawn il-ħabitati rari ta' artijiet mistagħdra jkunu jistgħu jkomplu jiffjorixxu waqt li jilqgħu aktar viżitaturi bħal familji u tfal tal-iskola. Importanti wkoll li jitwaqqfu riservi naturali f'Għawdex għall-benefiċċju tal-bijodiversità u tar-residenti u dawk li jżuru l-gżira.

9 Inħarsu lil Kemmuna

Kemmuna għandha sbuħija unika u l-importanza tagħha tinsab fil-fatt li hija protetta sew bħala sit Natura 2000 imma wkoll bħala santwarju tal-għasafar. Qed nitolbu li l-pjan ta' ġestjoni ta' Kemmuna jibda jimplimenta aspett kruċjali – dak li jkun hemm capping fuq in-numru ta' persuni li jżuru din il-gżira żgħira. Wasal iż-żmien li din il-kwistjoni tiġi indirizzata u jinsabu soluzzjonijiet biex jiġi eliminat l-istat ta' degradazzjoni f'ċerti partijiet tal-gżira.

10 Ninvolvu lill-ENGOs

F'Malta għandna diversi NGOs ambjentali kompetenti li fil-qalba tal-kompetenza u l-valuri tagħhom hemm il-ħarsien u r-rispett tan-natura u l-bijodiversità. Bħala għaqdiet, għandna ningħataw kull opportunità biex inkunu involuti fil-konsultazzjoni, il-pariri u – l-aktar importanti – it-teħid tad-deċiżjonijiet b'rabta mal-istat tal-ambjent naturali ta' Malta u Għawdex.

BirdLife

MALTA

Imwaqqfa fl-1962, BirdLife Malta qed tiċċelebra s-60 Anniversarju tagħha. Hija l-eqdem organizzazzjoni ambjentali f'Malta, kommessa lejn il-ħarsien tal-għasafar selvaġġi u l-ħabitati tagħhom. Bħala organizzazzjoni mhux governattiva (NGO), BirdLife Malta hija wkoll parti min-netwerk ta' BirdLife International li jaħdem favur il-konservazzjoni tal-bijodiversità globali u s-sostenibbiltà tar-riżorsi naturali.

Il-missjoni ta' BirdLife Malta hija l-konservazzjoni tal-għasafar, il-ħabitati tagħhom u l-bijodiversità, b'ħidma man-nies favur is-sostenibbiltà fl-użu tar-riżorsi naturali.

BirdLife Malta ilha aktar minn 60 sena tippromwovi l-protezzjoni tan-natura Maltija. Taħdem biex tressaq aktar Maltin lejn l-ambjent naturali tagħhom, u tiżgura li nħallu legat naturali għall-ġenerazzjoni li jmiss